Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima

Appell Nru: 366/2016

Il-Pulizja

Spettur Sylvana Zrinzo

Vs

Brian Grech

Illum 27 ta' April, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-akkuzat Brian Grech detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 49492 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Talli NHAR IL-11 TA' JANNAR, 2016 GHALL-HABTA TA' 10:45 HRS bil-vettura DBJ 749 gewwa PITKALI, TRIQIL-, ATTARD

[1] Uzajt, gieghelt jew hallejt lil persuna ohra tuza vettura bil-mutur fit-toroq minghajr polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni ( Kap 104 Artikiu 3 (1) )

[2] Soqt vettura bil-mutur jew vettura ohra, minghajr licenzja tas-sewqan ( Kap 65 Artiklu 15 (1) (a), (3) )

[3] Inqast li tipproduci il-polza tal-assikurazzjoni hekk kif gejt mitlub mill-Pulizija ( Kap 104 Artiklu 8(1) )

[4] Inqast li tipproduci l-licenzja tas-sewqan meta gejt mitlub taghmel hekk mill-Pulizija jew mill-Awtorita fi zmien kif stipulat miil-ligi ( L.S. 65. 18 Artiklu 77 )

[5] Soqt vettura bil-mutur jew vettura ohra b' nuqqas ta' kont ( Kap 65 Artiklu 15 (1) (a), 2) )

[6] Soqt vettura bil-mutur jew vettura ohra bi traskuragni ( Kap 65 Artiklu 15 (1) (a), (3) )

[7] Garrejt taghbija b' vettura tal-merkanzija fejn l-merkanzija sporgiet lil hinn mill-wesa' generali tal-body ( L.S. 65. 19 Artiklu 69 (c) )

[8] Inqast milli taqfel jew tghatti tajjeb, taghbija li kellek fl-imsemmija vettura tal-merkanzija, kif rikjest bil-ligi sabiex tipprevjeni li xi parti minnha taqa' fit-triq jew mod iehor tipperikola s-sigurta tat-traffiku jew tal-persuni ( L.S. 65. 19 Artiklu 68 )

[9] Waqt li kont qed issuq l-imsemmija vettura, inqast li tezercita l-kura u attenzjoni xierqa u turi l-intenzjoni tieghek b' sinjal meta kont ser tbiddel id-direzzjoni tieghek jew taqbez vettura, ziemel jew frat ( L.S. 65. 11 Artiklu 75 )

[10] Waqt li kont qed issuq, inqast li jkollok kontroll shih tal-vettura ( L.S. 65. 11 Artiklu 68 )

[11] Inqast li tobdi l-ordnijiet legittimi mghotija lilek mill-puluzija jew min ufficjal iehor ta' awtorita ohra waqt il-qadi ta' dmirijiethom, jew ma hallejtx, jew fixkilthom jew b' xi mod bla jedd indhalt fl-istess dmirijiet billi ma hallejthomx jaghmlu jew hassart dak li kienu qed jaghmlu. ( Kap 9 Artiklu 338 ( EE ) )

[12] Waqt li kont qed issuq vettura bil-mutur, dawwart lura fid-direzzjoni opposta fl-istess triq ( U-turn ) ( L.S. 65. 05 Artiklu 2 (II A (b)) )

[13] Bhala persuna ingurajt, heddidt jew ghamilt offiza fuq persuna ta' wiehed inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li qed jaghmlu dan is-servizz bil-hsieb li tbezza jew tinfluwixxi kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta' dan is-servizz ( Kap 9 Artiklu 95 )

[14] Soqt vettura bil-mutur fit-triq waqt li zammejt jew uzajt b' idejk telefon cellulari jew xi apparat simili iehor li jinzamm fl-idejn waqt li l-vettura kienet miexja ( L.S. 65. 11 Artiklu 115 (2) )

[15] Waqt li kont qed issuq vettura bil-mutur, nqast li tilbes cintorin tas-sigurta ( L.S. 65. 12 Artiklu 3 )

II-Prosekuzzjoni titlob Ii l-imsemmija persuna jigi skwalifikat mill-Licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal perjodu ta' zmien li l-Qorti jidrilha xieraq.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-21 ta' Gunju, 2016, fejn il-Qorti illiberatu mill-akkuzi numri tlieta [3], erbgha [4], sebgha [7], tmienja [8], disgha [9], ghaxra [10], hdax [11], tnax [12], tlettax [13], erbatax [14], hmistax [15].

Sabitu hati tal-akkuzi numri wiehed [1], tnejn [2], hamsa [5], sitta [6];

Fir-rigward tal-ewwel (1) u t-tieni (2) lill-akkuzat tatu twissija filwaqt li fir-rigward tal-hames (5) u sitt (6) akkuza immultatu multa kumplessiva ta' mitejn ewro.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Avukat Generali, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-12 ta' Lulju, 2016, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li:

a. Tikkonfermaha f' dik il-parti fejn sabet lill-appellat hati tal-akkuzi wiehed (1), tnejn (2), hamsa (5) u sitta (6) migjuba kontrih filwaqt li iliberatu mill-akkuzi l-ohra migjuba kontra tieghu,

b. Tghaddi sabiex tirrevokaha u thassarha f' dik il-parti fejn lill-appellat taghtu l-piena ta' twissija / twiddiba ghal l-ewwel (1) u t-tieni (2) akkuzi u tipprosegwi sabiex tinfliggi piena li hija fix-xorta jew kwantita' taghha kontemplata fil-ligi ghar-reati li taghhom l-appellat gie misjub hati, kif ukoll tordna li l-appellat jigi skwalifikat milli jkollu jew li jikseb licenzja tas-sewqan ghal zmien ta' tnax-il xahar mid-data li jkun gie misjub hati.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

L-Aggravju

Illi fit-30 ta' Gunju 2016 l-esponent ircieva minghand il-Qorti tal-Magistrati (Malta) l-atti processwali tal-proceduri fl-ismijiet premessi u hassu aggravat bihom b' mod car u manifest in kwantu l-piena erogata mill-Ewwel Onorabbli Qorti ma kienitx fix-xorta jew kwantita' taghha dik ikkontemplata fil-ligi ghar-reati li taghhom l-appellat gie misjub hati, kif ukoll hija naqset milli tordna li l-appellat jigi skwaliflkat milli jkollu jew li jikseb licenzja tas-sewqan ghal zmien ta' tnax-il xahar mid-data li jkun gie misjub hati;

Illi l-appellat gie misjub hati taht l-artikolu 3 (1) tal-Kapitolu 104 kif ukoll taht l-Artikolu 15 (1) (a), (2), (3) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta. In kwantu ghal dak li ghandu x' jaqsam mal-artikolu 15 (1) (a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, dan l-artikolu jippreskrivi l-piena tal-multa ta' mhux izjed minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu

(232.94) jew tal-prigunerija ta' mhux izjed minn tliet xhur. Di piu' l-artikolu 3 (2) (a) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta, li jippreskrivi l-piena ghal kull min jinstab hati taht l-artikolu 3 (1) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta, jistipula li l-hati fil-kaz tal-ewwel reat jehel multa ta' mhux anqas elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin Centezmu ( € 2,329.37 ) izda ta' mhux izjed minn erbat elef, sitt mija u tmienja u hamsin euro u hamsa u sebghin centezmu ( € 4,658.75 ) jew prigunerija ghal zmien ta' mhux izjed minn tliet xhur, jew il-multa u il-prigunerija flimkien. L-artikolu 3 ( 2 A ) jistipula li:

> Kull min jinstab hati ta' reat taht dan l-artikolu **ghandu** (hlief jekk il-qorti ghal ragunijiet specjali tikkunsidra li tordna mod iehor u minghajr pregudizzju ghas-setgha tal-Qorti li tordna zmien itwal ta' skwalifika) **jigi skwaiifikat milli jkollu jew li jikseb licenzja tas-sewqan ghal zmien ta' tnax-il xahar mid-data li jkun gie misjub hati**: (Sottolinear u enfasi tal-esponent)

Illi b' kull dovut rispett lejn l-Ewwel Onorabbli Qorti, wiehed ma jistax jifhem kif, wara li hija sabet lill-appellat hati tal-akkuzi 1, 2, 5 u 6 migjuba kontrih, hija taghtu biss twissija / twiddiba fil-konfront tal-ewwel [1] u t-tieni [2], meta l-Artikoli citati taht il-Kapitolu 104 u l-Kapitolu 65, jippreskrivu espressament piena pekunjarja jew ta' prigunerija. In vista tas-suespost, huwa carissimu li l-piena erogata mill-Ewwel Onorabbli Qorti ma kienitx fix-xorta jew kwantita' taghha dik ikkontemplata fil-ligi ghar-reati li taghhom l-appellat gie misjub hati, hekk li l-ligi tikkontempla l-piena ta' **multa jew priunerija, jew multa u prigunerija flimkien u mhux dik ta' twissija / twiddiba.** Fl-umli fehma tal-esponent, il-piena erogata mill-istess Qorti kellha ta' l-inqas tkun dik ta' multa u dan in vista tal-fatt li Brian Grech ma kellhux il-licenzja mehtiega biex isuq vettura bil-mutur jew vettura ohra (f' da nil-kaz il-vettura tal-ghamla Toyota bin-numru ta' registrazzjoni DBJ 749) kif ukoll talli l-istess appellat uza l-imsemmija vettura fit-toroq, liema vettura kienet assigurata biss sabiex tintuza minn persuni li ghandhom 'il fuq minn 25 sena, fejn Brian Grech kellu inqas minn 25 sena u ghalhekk ma kienx kopert bil-polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuna.

In vista tan-natura tar-reati dedotti kontra l-appellat, tali multa sservi ta' deterrent sabiex l-istess appellat ma jergax jikser d-disposizzjonijiet fuq imsemmija. Di piu' wiehed ma jistax jifhem kif l-Ewwel Onorabbli Qorti ma skwalifikatx lill-appellat milli jkollu jew li jikseb licenzja tas-sewqan ghal zmien ta' tnax-il xahar mid-data li jkun gie misjub hati kif espressament mitlub fil-Ligi. Fl-umli fehma tal-esponent ma kienx hemm ragunijiet specjali li ntitolaw lill-appellat sabiex ma jigix skwalifikat milli jkollu jew jikseb licenzja tas-sewqan, hekk kif del resto jirrizulta mis-sentenza moghtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti hekk li hija mkien ma semmiet xi ragunijiet specjali li ntitolaw lill-istess appellat milli ma jigix skwalifikat milli jkollu jew jikseb licenzja tas-sewqan.

Ikkunsidrat,

Illi dan huwa appell imressaq mill-Avukat Generali limitatament ghal dak li jirrigwarda l-piena inflitta fuq l-appellat ghall-akkuzi li igibu in-numri 1 u 2 u li dwarhom hu gie misjub hati, bl-aggravvju illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti ghal dawn l-akkuzi biss ma kenitx fix-xorta jew kwantita taghha dik ikkontemplata fil-ligi. Dan ghaliex, jishaq l-Avukat Generali, il-piena ikkontemplata fil-ligi ghar-reati mahsuba fil-Kapitolu 65 u 104 tal-Ligijiet ta' Malta jeskludu dik tat-twiddiba kif erogata mill-Ewwel Qorti fil-konfront ta'l-appellat.

Illi l-appellat gie misjub hati mill-Ewwel Qorti tal-akkuzi li igibu in-numri 1,2,5 u 6 filwaqt li gie illiberat mill-akkuzi l-ohra addebitati lilu, fejn ghall-akkuzi numru 1 u 2 l-Ewwel Qorti erogat il-piena tat-twiddiba filwaqt ghall-akkuzi numru 5 u 6, ghaddiet biex tikkundanna lill-appellat multa ta' €200. Issa l-piena mahsuba fil-ligi ghar-reat ikkontemplat fl-artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 hija dik tal-multa li ma ghandhiex teccedi il-€232.94 jew tal-prigunerija ta' mhux aktar minn tlett xhur, filwaqt illi l-artikolu 3 tal-Kapitolu 104 igorr mieghu il-piena tal-multa ta' bejn €2329.37 u €4658.75 jew tal-prigunerija ta' mhux izjed minn tlett xhur jew it-tnejn flimkien. Iktar

minn hekk dan l-ahhar reat igorr mieghu b'mod tassattiv l-iskwalifika tal-licenzja tas-sewqan ghal perijodu ta' mhux inqas minn sena. Dan dejjem jekk il-Qorti ma tarax xi ragunijiet specjali li jistghu iwassluha biex ma tapplikax din l-iskwalifika.

Illi din il-Qorti mal-ewwel tistqarr illi l-Avukat Generali ghandu ragun f'din il-lanjanza minnu ventilata. Dan ghaliex la il-Kapitolu 65 u lanqas il-Kapitolu 101 ma jitkellmu dwar piena alternattiva tat-twiddiba kif erogata mill-Ewwel Qorti. Illi *di piu'* l-artikolu 7(2) tal-Kodici Kriminali jikkontempla bhala piena dik tat-twiddiba u c-canfira ghall-kontravvenzjonijiet u mhux ghad-delitti. Ma jirrizultax li l-pieni ghal dawn ir-reati, li ghalihom sabet htija l-Ewwel Qorti fl-appellat, huma fost il-pieni stabbiliti ghall-kontravenzjonijiet, cioe', ic-canfira jew it-twiddiba, l-ammenda jew id-detenzjoni. Il-pieni tal-Multa u/jew tal-prigunerija huma l-pieni stabbiliti ghad-delitti. Kwindi l-Ewwel Qorti applikat piena mhux prevista fil-ligi ghar-reati addebitati lilll-appellat u li dwarhom hija sabet htija.

Maghdud dan, madanakollu, din il-Qorti tista' tifhem il-mottiv li seta' wassal lill-Ewwel Qorti taghti twiddiba lill-appellat minflok dik il-piena ikkontempleta fil-ligi. Dan ghaliex fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz l-appellat li kien impjegat ma' huh bhala *deliveryman* inqabad isuq trukk meta ma kienx kopert la bl-assigurazzjoni u lanqas b'licenzja valida ghat-triq billi huwa kellu inqas minn hamsa u ghoxrin sena. Jidher illi huh Charles Grech, li kien iemxxi n-negozju, kien ihalli f'idejn l-assigurazzjoni tieghu sabiex jiehdu hsieb jaraw illi l-vetturi tieghu kienu ikunu licenzjati u koperti b'assigurazzjoni appozita, u li kif ikkonkludiet l-Ewwel Qorti, ma kienx a konoxxenza tal-fatt illi l-licenzja u assigurazzjoni mahruga ghall-vettura li kien isuq huh l-appellat ma kenitx tkopri sewwieq ta' taht il-hamsa u ghoxrin sena. Illi din il-Qorti kellha ix-xorti tisma' lil dan Charles Grech jiddeponi fejn dan sahansitra stqarr illi l-hlas li huwa kien ghadda lill-assikuratur tieghu kien tali illi ikopri l-hlas ghal-licenzja u assikurazzjoni

ghal persuna ta taht il-hamsa u ghoxrin sena u kien allura l-assikuratur tieghu illi hareg polza u licenzja zbaljata. Illi madanakollu il-Qorti xortawahda tqies illi l-appellat, qabel isuq il-vettura jew trukk fdat lilu, kellu jivverifika ma' huh illi huwa kien kopert b'licenzja ghat-triq valida u kien kopert ukoll b'assikurazzjoni xierqa. Maghdud dan fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz il-Qorti tqies illi l-iskwalifika tal-licenzja tas-sewqan hija wisq oneruza tenut kont tal-fatt illi l-appellat kien ihalli f'idejn huh Charles biex jiehu dawk il-passi sabiex jottempera ruhu mal-ligi, u fil-fatt jidher li dan ta'l-ahhar hekk ghamel, u n-nuqqas tieghu kien biss meta huwa naqas milli jaghmel dawk il-verifiki necessarji qabel ma saq it-trukk in kwistjoni. Iktar minn hekk jirrizulta illi l-appellat ghandu bzonn il-licenzja tas-sewqan ta' kuljum minhabba n-natura tax-xoghol tieghu u kwindi fic-cirkostanzi specjali ta' dan il-kaz il-Qorti tara illi l-iskwalifika tal-licenzja tas-sewqan ma tkunx piena ekwa u gusta.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed tilqa'l-appell interpost, tghaddi ghalhekk biex tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellat hati tal-akkuzi numri 1,2,5 u 6 u fejn illiberatu mill-akkuzi l-ohra kollha; tikkonfermaha ukoll fejn l-appellat gie ikkundannat multa ta' €200 ghall-akkuzi bin-numri 5 u 6, izda tvarja il-piena inflitta ghall-akkuzi li igibu in-numri 1 u 2 u minflok tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' €2500 ghal dawn ir-reati biex b'hekk l-appellat issa irid ihallas multa komplessiva ta' €2700.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur